**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 487/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Emanuel Cassar**

Illum, 4 ta' Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Cassar detentur tal-karta ta' l-identita' numru 527571M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**N**har l-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) u sieghat qabel, gewwa Matteo, Triq Vincenzo Maculano l-Fgura u f'dawn il-gzejjer:

Talli bla ordni skont il-ligi tal-awtoritá' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ibnu minuri Luca Cassar kontra l-volonta' tieghu ghad li kien jaf li gie mahrug mandat jew ordni mill-awtoritá' kompetenti ghall-kunsinna tal-persuna mizmuma jew issekwestrata, ta' ibnu Luca Cassar.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza, ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtoritá' kompetenti.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-ispettur Spiridione Zammit persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza kkaguna lil ispettur tal-pulizija Spiridione Zammit biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta'tieghu.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtoritá' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ghamel ingurji jew theddid lil ispettur Spiridione Zammit jew ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Talli b'hekk sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 141, 86, 87 (1)(d)(h), 95, 96, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Emanuel Cassar hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi u stante li t-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza; inkwantu ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin li tinkorpora Ordni ta' Supervizjoni, filwaqt li lliberatu mir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Il-Qorti wkoll imponiet Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C u dan a favur l-Ispettur Spiridione Zammit liema Ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza u ghalhekk ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Emanuel Cassar minnu pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet u konsegwentement illiberatu minnhom; filwaqt illi THASSAR U TIRREVOKA dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwetement TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umil-appell mill-apprezzament tal-prova u kif ukoll mill-piena inflitta fil-konfront tieghu.

A. **Apprezzament tal-Provi**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti wara li ezaminat l-atti processwali ikkonkludiet li minkejja li l-esponenti appellant ma kkagunax biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront tal-Ispettur Spiridione Zammit, ma kisirx il-mistrieh tal-lejl u lanqas ma qal kliem oxxen; l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset li kellu ssibu hati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi bid-dovut rispett, l-ewwel nett, jigi umilment sottomess, li a rigward tal-imputazzjonijiet li l-esponent instab hati taghhom, l-Ewwel Qorti naqset milli taghti motivazzjonijiet legali ghalfejn kienet qieghda ssibu hati taghhom, ghajr ghall-fatt li l-esponent kien antagonist, u li kien jahseb li kulhadd huwa kontra tieghu.

Illi l-ewwel nett, a rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, u cioe' talli bla ordni skont il-Ligi tal-awtoritá' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ibnu minuri Luca Cassar kontra l-volonta' tieghu ghad li kien jaf li gie mahrug mandat jew ordni mill-awtoritá' kompetenti ghall-kunsinna tal-persuna mizmuma jew issekwestrata, ta' ibnu Luca Cassar.

Illi qabel xejn, l-esponent ma kienx qieghed la jissekwestra u lanqas jarresta lil ibnu Luca u dan stante' illi hu kellu lil ibnu ghandu, gewwa r-residenza tieghu, u kulma kien gara kien skada l-hin tal-access tal-imputat versu ibnu. Illi filfatt, kemm kif xehed l-appellant innifsu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u anke' sahansitra kif xehdu l-Pulizija stess, il-minuri spicca biex raqad fuq l-imputat stess. Filfatt, l-imputat qal li l-minuri beda jimxi warajh kull fejn beda jimxi hu, u ghalhekk jidher bic-car li l-minuri kien jinsab komdu fil-

prezenza ta' missieru u lanqas biss wera ebda tip ta' biza'. Illi wiehed difficli jikkonstata kif tifel ta' tliet (3) snin jista' jinghad li kien x'imkien kontra r-rieda tieghu, stante' illi ma ghandux l-eta bizzejjed biex jikkonstata dan. Illi filfatt, il-probabbilita' hi li l-minuri lanqas biss jiftakar dan l-incident! Inoltre', minkejja l-fatt li l-minuri, tenut kont tal-eta tenera tieghu, kienet difficli biex jigi konstat jekk kienx qieghed kontra r-rieda tieghu, pero'mill-*body language* tal-minuri dan seta' jigi ppruvat. Illi filfatt, meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' tezamina l-atti processwali tal-kawza odjerna ser jirrizultalha li l-minuri la kien jinsab imdejjaq u lanqas imbezza', infatti hadd mix-xhieda li xehdu quddiem l-Onorabbli Qorti ma xehed dan; anzi sahansitra kif diga' gie rilevat, gie konfermat li l-minuri kien il-hin kollu fuq missieru l-appellant, u spicca biex anke' raqad fuqu. Il-fatt, li l-esponenti appellant kellu hin ta' access a favur ibnu, u dan qabez il-hin tieghu ma jfissirx li kien qieghed jarrestah u jissekwestrah, izda kien qieghed izommu ghandu ghaliex ovvjament, ta' missier imcahhad minn ibnu, kien imwegga' li mhux iqatta' bizzejjed hin mieghu.

Illi bid-dovut rispett, meta missier ikun allokat hin ta' access mat-tfal-tieghu, huwa komuni izjed milli wiehed jahseb, li ma jkunx jixtieq jirritorna lill-uliedu lura, ghaliex ikun jinsab imcahhad minn hin prezzjuz ma' uliedu. Illi filfatt, kemm il-darba, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ikollha tordna lill-Marixxalli sabiex imorru jigbru l-minuri minghand il-genitur li jkollu access a favur l-istess minuri ghax ikun zammu ghandu; pero' ma hux daqstant komuni, anzi jigi umilment rilevat li hi sitwazzjoni li bilkemm qatt grat, li ghax genitur jirrifjuta li jaghti l-minuri lill-genitur l-iehor wara l-hin tal-access, li jigi imressaq il-qorti taht arrest fuq sekwestru u arrest tal-istess minuri ibnu!! Illi huwa ghalhekk, li l-esponent jirrileva li dan il-kaz kiber u intefah daqs kemm filfatt gara minhabba l-fatt li l-Ispettur Spiridione Zammit acceda gewwa l-fond ta' fejn kien hemm l-esponent, u li dan tal-ahhar ma kellux pjacir bih; u mhux minhabba l-fatt li zamm lill-ibnu oltre' l-hin tal-access.

**<u>Minn qari akkurata tad-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata.</u>** L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista'jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza ghalkemm dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat. Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest.

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal-l-artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol-II billi jghid:-

"*Il-sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jghid:-

"*Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al-paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 1961 ipprecizat:-

*"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

Illi fil-kaz odjern, mhux talli kif diga' gie rilevat, il-minuri tenut kont tal-eta tieghu difficli tikkonstata jekk kienx kontra l-volonta tieghu jew le, ghalkemm mill-*body language* tal-istess minuri fl-ebda hin ma deher illi kien imdejjaq jew imbezza'. *Di piu'*, l-element l-iehor ta' dan ir-reat, u cioe' li l-persuna sekwestrata ma jkollix il-liberta li tmur minn post ghall-iehor hija wkoll dibatibbli fil-kaz odjern, stante' li tifel ta' tliet (3) snin ma ghandu l-ebda liberta jmur fejn jixtieq hu izda dak li jidettaw il-genituri jew il-kuraturi tieghu.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jirrileva li l-ewwel imputazzjoni ma kellux jinstab hati taghha stante' li ma tirrizultax u ghalhekk l-esponenti appellant ma ghandux jinstab hati taghha.

Illi barra minn hekk, diversi mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-esponent kienu jirrigwardjaw il-fatt li l-esponent allegatament hedded u/jew ingurja lill-Ispettur Spiridione Zammit. Illi preliminarjament, jigi rilevat li kif hareg b'mod car l-esponent u l-Ispettur Zammit diga' kellhom xi kunflitti bejniethom fil-passat, u dan anke' kif xehed f'dettall l-esponent innifsu. Illi barra minn hekk, imputazzjonijiet numru 3, 4 u 8 huma relittavment l-istess, b'mod specjali t-tielet (3) u t-tmien (8) imputazzjoni li huma alternattivi ghal xulxin. Illi a tenur ta' dawn iz-zewg (2) imputazzjonijiet, bir-rispett kollu ma jirrizulta minn imkien li l-esponent hedded lill-Ispettur Zammit, u l-ebda u hadd mix-xhieda ma xehed dan. Inoltre' dan kollu, lanqas ma gie sodisfacentement ppruvat li l-appellant ghamel xi ingurji fil-konfront tal-istess Spettur.

Bid-dovut rispett, l-unika zewg (2) kelmiet li allegatament, xi xhieda qalu li semghu lill-esponenti appellant jghid fil-konfront tal-Ispettur, huma l-kliem 'korrott' u 'pufta'. Illi umilment jigi rilevat li din l-Onorabbli Qorti, ma ghandhiex tasal biss sal punt illi tara li kien hemm iktar minn xhud wiehed li xehed li sema' lill-esponent jghid dan il-kliem fil-konfront tal-Ispettur Zammit; izda ghandha tmur pass oltre', u jekk fic-cirkostanzi tara li jirrizultalha li l-esponent verament qal dan id-diskors fil-konfront tal-Ispettur, ghandha tara c-cirkostanzi li waslu ghal dan, u cioe' li kien provokat.

Illi filfatt, fid-depozizzjoni dettaljata tieghu, l-appellant fl-ebda hin ma xehed illi hu ingurja kemm verbalment u anke' fizikament lill-Ispettur Zammit, izda rrikonoxxa l-fatt li kien hemm battibekk bejniethom, li bid-dovut rispett ma jistax jirrizulta f'ingurja fil-konfront tal-Ispettur. Barra minn hekk, u dan minghajr pregudizzju ghal dak kollu rilevat, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha temmen li l-esponent tenna l-kliem 'pufta' u 'korrott' fil-konfront tal-Ispettur Zammit, ghandha tghaddi biex tezamina l-element u d-difiza tal-provokazzjoni min-naha tal-istess Spettur lejn l-istess appellant.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-appellant ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-Marixxalli tal-Qorti u anke l-Pulizija jidhlu gewwa r-residenza tieghu; anzi sahansitra' offrilhom x'jixorbu; u dan minkejja l-fatt li dahlu Pulizija izjed milli huwa normali u sahansitra kienu armati. L-esponenti appellant sa mill-bidu nett li gie ikkuntattjat, mill-ewwel tenna li lill-Ispettur Spiridione Zammit ma ridux prezenti gewwa r-residenza tieghu, u dan minhabba l-fatt li kif diga' gie spjegat, iz-zewg (2) partijiet kellhom xi dizgwid fil-passat. Illi filfatt jirrizulta li mhux talli l-Ispettur dahal fir-residenza tal-esponent, talli baqa' hemm ghal sighat twal u sahansitra beda jkellem u jmiss lill-esponent. L-appellant fid-depozizzjoni tieghu xehed bil-gurament illi hu kien qal lill-kulhadd li huma jistaw jibqaw gor-residenza tieghu, u sahansitra xehed li ried jaghmillhom il-kafe', izda minhabba cirkostanzi li graw fil-passat, l-esponent oggezzjona li jkun hemm l-Ispettur prezenti. Illi bid-dovut rispett, filfatt, l-esponent jirrileva li huwa ghalhekk li s-sitwazzjoni eskalat, ghax l-Ispettur baqa' hemmhekk u baqa' jinsisti li jkun hemmhekk; meta s-sitwazzjoni kienet pjuttost wahda kalma u lanqas kien hemm il-htiega ta' dawk il-Pulizija kollha li kien hemm. L-esponent sahansitra xehed li l-Ispettur beda jidhol warajh gol-kcina, itaptaplu fuq spalltu, minkejja l-fatt li beda jghidlu sabiex ma jmissux, u sahansitra jitfa' diversi botti li l-esponent kien ser jispicca hazin, filwaqt illi jidghi. Tant kemm l-esponent gie pprovokat, illi huh, Dennis Cassar, xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti li malli sar jaf li l-esponent kellu l-minuri ghandu u kienu ser imorru jigbruh il-Marixxalli tal-Qorti, u mal-ewwel staqsa min kien hemm Spettur tal-Pulizija, u kellimhom biex ma jmurx gor-

residenza ta' huh. Illi ghaldaqstant, l-element tal-provokazzjoni jissustixxi tenut kont tal-fatt illi l-appellant ghamilha cara li hu kien qieghed joggezzjona ghall-prezenza tal-Ispettur Zammit gor-residenza tieghu, u minkejja li ma kienx hemm bzonn assistenza tal-Pulizija, peress li s-sitwazzjoni kienet wahda kalma ghalkemm fit-tul, l-Ispettur Zammit xorta wahda dahal, u baqa' jkellem u jmiss lill-appellant. Filfatt, l-esponent mhux talli qal dan meta xehed, talli rega' kkonfermah b'gurament quddiem l-Ispettur Zammit stess meta kien hemm konfront bejniethom.

Il-gurista Francesco Antolisei, (Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395) in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

> '*La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito;* <u>*basta che sia ingiusto dal punto di vista morale.*</u> *Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hannoa determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.).* <u>*Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto.*'</u>

Inoltre', fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Anthony Agius,** moghtija nhar il-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija, sebgha u disghin (1997) mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali</u>, dik l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rekwiziti ta' l-attenwant tal-provokazzjoni u qalet illi:

> Il-piena ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. L-ewwel

proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li 'meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: 'Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta.

Jirrizulta car mis-sentenza precitata illi z-zewg elementi fundamentali sabiex jissusisti l-element tal-provokazzjoni hu illi l-att tal-parti l-ohra jkun wiehed ingust, u li l-parti provokata tagixxi b'mod immedjat ghal din ir-reazzjoni ingusta, liema elementi jissustixxu jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li ghandha ssib htija fil-konfront tal-appellant ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih li jinvolvu lill-Ispettur Zammit.

Issir referenza wkoll ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno Fenech,** moghtija nhar it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2001), fejn il-Qorti appuntu sahqet fuq dan il-punt:

> Subordinatament l-appellant jinvoka l- attenwanti tal-provokazzjoni. Pero` l-ligi tirrikjedi – Artikolu 227(c) – li l-att provokatorju jkun tali li "f'nies ta' temperament ordinarju komunement [igib] l- effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt", cioe`, f'dan il-kaz, tal- offiza fuq il-persuna li wettaq l-istess appellant. Il-ligi taghti dan il-beneficcju tal-attenwanti lil "nies ta' temperament ordinarju" u mhux ukoll lil nies li c-cinga taqbzilhom ma' l-anqas haga, kif kjarament jidher li huwa l-appellant. In fatti xejn ma jista' jiggustifika li l-appellant aggredixxa b'mod selvagg lil hutu semplicement ghax dawn marru talbuh muftieh biex jaghmlu kopja tieghu.

Ghaldaqstant, meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' tigi sabiex tevalwa l-atti rigward dan il-punt ser tinnota illi l-appellant fil-verita' kien provokat, u jekk *se mai* qal xi kliem fil-konfront tal-Ispettur, ghalkemm hu xorta qieghed jichad dan, qalu biss minhabba dak li kien qieghed isehh kif diga' gie spjegat.

Illi a rigward ta-imputazzjoni ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant, u cioe' t-tieni (2) imputazzjoni, jigi rilevat ukoll li kemm il-Marixxalli tal-Qorti, kemm diversi Pulizija u anke' l-esponent innifsu kollha xehdu illi l-l-appellant la hebb u lanqas kien vjolenti, ghajr ghall-incident li ghadu kemm gie sottomess dwaru; liema incident qieghed jigi kontestat. Illi huwa ghalhekk li l-esponenti appellant ma jistax ikun li jaqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti meta fil-kunsiderazzjonijiet taghha tenniet li l-esponent kien l-unika wiehed li ta'verzjoni differenti min tal-ohrajn, u cioe' kif sejhitilha hi 'verzjoni'; izda meta wiehed jistudja l-atti bir-reqqa jinnota li kemm il-Marixxalli u kif ukoll ceri Pulizija taw l-istess verzjoni tieghu. Filfatt, l-esponent ma seta' qatt ikun illi prova, jew inkella, hebb ghall-Ispettur, stante' illi l-ewwel nett Pulizija stess li kien prezenti qal li l-appellant kien jinsab madwar zewg (2) metri boghod mill-Ispettur, u barra minn hekk, l-Ispettur Zammit stess, waqt il-konfront li sar bejnu u bejn l-imputat quddiem din l-Onorabbli Qorti, tenna li l-esponent qatt ma kien aggressiv fil-konfront tieghu: ***<u>"Jiena qatt m'ghid li qabad jaghtini s-Sur Cassar, [...]".</u>***

Illi ghalhekk, lanqas din l-imputazzjoni ma tista' tirrizulta, u dan stante' li sabiex wiehed jinstab hati taht l-artikolu 96 tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux talli irid ikun attakk jew resistenza, talli dan irid ikun akkumpanjat b'forza, vjolenza jew bil-hebb. Fil-kaz odjern, bid-dovut rispett, dawn ma jirrizultawx stante' illi ma sehh xejn minn dan fil-konfront tal-Pulizija u l-Marixxalli tal-Qorti, u wisq anqas fil-konfront tal-Ispettur Zammit.

Fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v. Sean Sinclair Pace,** moghtija nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016)</u> gie tenut is-segwenti:

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtoritá', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful-orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful-orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtoritá' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

A rigward tac-certifikat mediku illi gie ezebit quddiem din l-Onorabbli Qorti koncernanti l-Ispettur Zammit, bid-dovut rispett qatt ma jista' jkun li kkawza dawn l-allegati griehi l-

appellant stante' illi kif diga' gie sottomess, l-appellant lanqas biss prova jhebb ghall-Ispettur, ahseb u ara kemm ghamillu l-griehi, kif wara kollox ikkonferma l-Ispettur stess. Ghalhekk, in vista ta' dan kollu, l-imputat umilment jissottometti illi hu ma ghandux jinstab hati ta' dawn l-imsemmija imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, stante' li minbarra li inghata sentenza ta' prigunerija sospiza inghata ukoll ordni ta' supervizzjoni. Illi bid-dovut rispett, f'kaz ta' sejbien ta' htija, l-ewwel nett minflok sentenza sospiza, setghet inghatat piena alternattiva li tkun aktar riformattiva, kemm ghall-esponent u anke' ghall-komunita innifsha.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** <u>moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003),</u> il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u

> kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu <u>recidivi</u>, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' <u>**Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**</u>, <u>deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008)</u> il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhall-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social-Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul-dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq

il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional-discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional-discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn*

*dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi barra minn hekk, l-esponenti appellant jaghmel referenza ghall-ordni ta' supervizzjoni li giet imposta fuqu. Bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma kellha l-ebda prova quddiemha illi l-esponent kellu attegjament antagonist, u li kien wiehed li wiehed li jahseb li kulhadd huwa kontra tieghu. Illi umilment jigi rilevat, li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex taghmel dan l-ezercizzju, stante' illi sabiex jigi ppruvat dak kollu irid ikun hemm l-interpretazzjoni tal-esperti kompetenti sabiex jaghmlu dan. Illi minn imkien mill-provi ma rrizulta dan, u dik il-konkluzjoni hija biss interpretazzjoni u presunzzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi sabiex jigi konkluz li bniedem ghandu bzonn xi tip ta' supervizjoni u li dik il-persuna ghandha karatteristici li jqajmu dubji dwar l-istat mentali taghha, irid ikun hemm ezami profound mill-professjonisti. Ghaldaqstant, l-Ordni ta' Supervizzjoni ma kellha qatt tigi imposta fuq l-appellant, u ghaldaqstant ghandha titnehha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti interament imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti u dan billi jidhirlu illi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tiddikjara li mhux qed issibu hati tal-akkuzi misjuba hati u tikkonferma l-gudizzju taghha fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn illiberatu. Jilmenta wkoll mill-fatt illi anke jekk ghall-Ewwel Qorti kellha tirrizulta ir-reita, madanakollu kellha tigi applikata l-iskuzanti tal-provokazzjoni billi huwa wiegeb ghall-agir provokattiv tal-ufficcjali tal-pulizija.

Jghid illi ghalhekk hassu aggravat mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma qiesitx din il-linja difensjonali tieghu u in oltre jghid li l-piena inflitta fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-Qrati taghna, illi Qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erroneju kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament.

Illi, "*kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza.*

*Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.* (Ara. App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**[1]"; "**<u>Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud</u>**"[2] ; "**<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra</u>**"[3] u ohrajn)"

Din il-Qorti ser taghmel apprezzament approfondit tal-istess provi imresqa quddiem l-ewwel Qorti biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens"inter alia" l-Appell Kriminali : " "**<u>ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi[4]</u>** "**<u>"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**"[5] ; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[6]</u>**" u ohrajn.

Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-provi akkolti sabiex tara jekk il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienitx wahda li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha.

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**<u>artikolu 86 tal-kodici kriminali</u>** mgharuf bhala "*Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi*" Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

---

[1] Deciza 12 ta' Mejju, 1994

[2] Deciza 11 ta' Lulju, 1994

[3] Deciza 10 ta' Mejju, 2002

[4] Deciza 14 ta' Frar, 1989

[5] Deciza 31 ta' Mejju, 1991

[6] Deciza 31 ta' Mejju, 1991

*"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn"*

Dwar it-tifsira ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fuq din l-istess materja mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) Vs Deemer Tabone**[7]

Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tlett ipoteżi differenti u ċioe' dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali** jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -

*"Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio*[8]*"*.

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-Carmingnani kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtoritá leġittima[9]. Il-Carmignani kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' carcere privato – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) carcere privato per equipollenza.

---

[7] Deciza 15 ta' Mejju 2016.

[8] Il-Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.

[9] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.

Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' carcere privato kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta'persuna.

*"E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3)."*

**Francesco Sav. Arabia**[10] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li:-

*"Arresta chi privando un'uomo della sua liberta lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta civile e' compreso nella sanzione di questo articolo."*

Skont l-**Arabia** dan ir-reat mhux limitat għal-meta tiġi mhedda biss il-liberta naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata'– kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' carcere privato billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija sequestro. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-carcere privato. Maż-żmien din it-tifsira tal-carcere privato evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun

[10] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal-residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-**Roberti** [11] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'. Roberti jgħid :

*"La legge adopera l'espressioni arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado **o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista' sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova**; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro".* [12]

**Ferrarotti**, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[13] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

*"Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta individuale; non e' necessario il-concorso della forza materiale e della violenza"; cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat.

---

[11] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.

[12] Enfażi miżjuda.

[13] Commentario Teorico Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294

Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-Manuale Teorico Pratico del Diritto Penale, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana [14] jgħid : -

*"Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto materiale, e la sua moralita'. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per l'arresto, la detenzione, il sequestro. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici per loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerate come arrestata o detenuta… Quanto poi alla moralita', ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene."*

Dan l-element tal-moralita' huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-Carmignani li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtoritá' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid:

"*Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede*

---

[14] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

*che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete*".

Bħal-Ferrarotti, ir-Roberti jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru llegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' vie di fatto (simili għar-reat ta' ragion fattasi). Biss ir-Roberti jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' carcere privato bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali.

Illi ghalhekk dan iwassal lil din il-Qorti tezamina dak li qalu x-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni b'referenza ghal din l-akkuza u dan appuntu sabiex tara jekk l-ewwel Qorti haditx zball fl-apprezzamenti tal-provi minnha ezaminati.

Jidher mix-xhieda moghtija minn PS 1067 Mario Spiteri li kien l-ufficjal li irrediga l-okkorenza li mart l-appellant u cioe' Annabelle Cassar kienet marret l-ghassa tal-pulizija tal-Fgura nhar id 19 ta'Marzu 2013 u rraportat li zewgha ma kienx qed jimxi skond id-digriet moghti lilhom mill-Qorti tal-Familja billi kien qed jirrifjuta li ighaddilha lura il-minuri Luca fil-hin ordnat mill-Qorti. Spjega illi in segwitu, din Annabelle kellha taghmel rikors b'urgenza lil Qorti tal-Familja u kopja tieghu jinsab esebit fl-atti a fol. 65 fejn talbet direzzjoni mill-Qorti x'kellha taghmel biex tiehu lil binha lura. Tghid illi dak in-nhar stess tad-19 ta' Marzu l-Qorti tal-Familja laqghet it-talba taghha sabiex terga tiehu l-kura ta'dan il-minuri minghand missieru l-appellant u b'hekk ordnat lill-Marixxali tal-Qorti bl-assistenza tal-pulizija esekuttiva sabiex jigbru l-minuri mill-kustodja tal-missier u jghadduh fil-kustodja tal-omm.

Illi għalhekk bħala fatt ma hemmx dubbju li l-missier kien qed jinjora l-ordni tal-Qorti u jisfida l-awtoritá tagħha billi jissekwetra lil ibnu kontra ir-rieda tal-Qorti. Id-difiża sostniet li ma hemmx ir-reat ta' arrest illegali għaliex ma giex ppruvat li l-minuri ma kienx għand missieru kontra l-volonta' tiegħu. Jingħad li f'dan il-kaz l-awtoritá tal-Qorti ħadet post id-diskrezzjoni tal-minuri u dan għaliex it-tifel għandu jkun għand missieru fil-ħin indikat lilu fid-digriet tal-Qorti u b'hekk l-interess tal-minuri qed jigi salvagwardat mill-Qorti.

Jidher li in segwitu l-pulizija marru fir-residenza ta' omm l-appellant fejn allura kien hemm dan il-minuri f'idejn l-appellant u baqgħu jesigu li jigbru it-tifel sas-sagħtejn (2.00a.m.) ta' filgħodu għaliex l-appellant ma ried jaf b'xejn tant li beda jgħid kliem bħal-'jekk it tifel imur ma xi ħadd huwa kien ser jispicca arrestat u ta' dan kien ser ikun hemm konsegwenzi serji', PS 31 Mario Farrugia ikonferma li huma spjegaw lill-appellant x' kienu ser ikunu l-konsegwenzi jekk kien ser ikompli jirrifjuta li jgħaddi t-tifel lill-ommu.

Meta l-appellant gie mistoqsi fl-istatement tiegħu li irrilaxja nhar l-20 ta' Marzu 2013 (fol. 12) għaliex ma riedx jobdi l-ordni tal-Qorti wiegeb li 'ma jridx ituhula' *Meta gie mistoqsi jispjega għaliex ex admisses ighid 'Minħabba il-paprati li għamluli minn naħa tal-Qorti bħal per ezempju flus dovuti lili u għadni ma ħadthomx mill-qorti, mandati magħmulin mill-mara u kontro mandati l-mara ma tagħmilhomx. Il-ħin tat-tifel għalija mhux adegwat u għax it-tifel jgħix ma ragel barrani ieħor fl-istess dar matrimonjali tiegħi li m'huwiex missieru u l-Qorti taf b'dan kollu.'*

Il-fatt li l-marixxali u l-pulizija baqgħu sas-2.00a.m. għand l-appellant biex jikkonvincuh huwa fatt provat u konfermat minn diversi xiehda fosthom PS 1067 Mario Spiteri, PS 31 Mario Farrugia, l-ispettur Spiridione Zammit u mart l-istess appellant. M'hemmx dubju għalhekk li dan ir-reat jirizulta' ben ppruvat u l-ewwel Qorti kellha ragun tasal għas-sejba ta' ħtija f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' attakk jew resistenza fuq ufficjal pubbliku kif dispost fl-**artikolu 96 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jewb'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persunainkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkuntaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati…………"*

L-artikolu 96, ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtoritá, ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtoritá kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zahra</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[15] gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtoritá kompetenti</u>".*

---

[15] fid-9 Settembru 2002

Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi meta l-Ispetttur tal-pulizija Spiridione Zammit flimkien ma ufficjali ohra tal-pulizija marru ghand l-appellant sabiex jobdu ordni moghtija lilhom mil-Qorti tal-Familja kienu qed jaqdu id-dmirjiiet taghhom u fis-setghat moghtija lilhom li jaghmlu l-investigazzjoni necessarja u rrizulta li l-appellant ma kienx qed jobdi l-ordni legittima tal-Qorti. L-ispettur Spiridione Zammit f'dan ir-rigward ighid li meta huwa mar ghand omm l-appellanti sabiex jara li l-ordni tal-Qorti tigi segwita flimkien ma ufficjali tal-pulizja ohra kien hemm l-appellant bit-tifel minuri f'hogru u dan ma ried jaf b'xejn. Fis-sens li ma riedx jirritorna lura lil minuri lil martu Annabella. Jghid li l-appellant beda jidghi u jallega li l-pulizja hija kollha korotta. Jispjega ukoll li f'hin minnhom l-appellant qam minn bilqieghda sabbat il-laptop u ordna li kulhadd johrog il-barra. L-appellant baqa' aggressiv. Meta l-Ispettur ra dan, ordna l-arrest tieghu u kien dak il-hin li l-appellant stiednu barra ghal glied. PS31 Mario Farrugia fix-xhieda tieghu jghid li l-appellant anke ittanta jghati daqqa ta' ponn lill-ispettur Zammit izda ma laqtux ghaliex l-ispettur resaq lura. Dak il-hin il-pulizija tar-Rapid Intervention Unit zammew lill-appellant bilqeghda sakemm in segwitu gie mehud id-depot tal-pulizija. Dan kollu hu konfermat minn PS 476 Sean Friggieri, PC 779 Gaetano Bugeja u PC 1263 Werner, PS 1216 Svetlich Stellini. L-appellant meta xehed fil-5 ta' Settembru 2016 ma jinnegax li qam minn bilqeghda pero' ighid li ghamel hekk ghal raguni differenti. Fil-fatt jghid li kien l-ispettur li ipprovokah jagixxi kif fil-ghamel pero' hadd mil-pulizija jew marixxali li xehdu ma jaghti l-verzjoni li ta l-appellant. L-Ispettur ighid exadmisis "*Hebb ghalija. Qam. Jiena kont hdejh. Jiena mort warajh. Ma kellix fejn immur ghax kien hemm il-kcina, kien hemm il-bank tal-kcina. Qam beda jipprova itini hekk. Zammewh u jiena hrigt il-barra*". Il-Qorti thoss li l-versjoni tal-fatti kif deskritta mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ghandha aktar mis-sewwa. Din l-akkuza tirrizulta wkoll ippruvata.

Fit-tielet lok l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offizi fuq il-persuna taghhom kif dispost fl-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta: li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku,waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz,jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-pienastabbilita'għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal-multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro(800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)."*

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita.

L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il-turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku

jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."* (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg**[16] jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*." (sottolinjar tal-Qorti).

Dwar dan ir-reat jidher li l-appellant ghajjar lill-ispettur Spiridione Zammit bil-kliem 'pufta' u 'korrott'. Dan hu konfermat PS 31 Mario Farrugia ( fol-59). L-Ispettur Zammit ukoll jikkonferma dan id-diskors u a fol. 37 jghid ex-admissis "baqa' jghid li jien korrott". PC 779 Gaetano Bugeja kkonferma dawn il-kliem u jghid li l-appellant beda jindirizza lill-Ispettur u jakkuzah li hu korrott u li hu pufta ( fol. 87). PS 1216 Stellini jikkonferma dan il-kliem ukoll (fol. 92). L-appellant ukoll fl-istqarrija tieghu meta gie mistoqsi jekk ghajjarx lill-ispettur Zammit ighid li ma jiftakarx.

Dan l-atteggjament jekwivali ghar-reat in desamina kif dispost taht l- artikolu 95 u ghalhekk tikkonferma il-htija tieghu fir-rigward tat-tielet akkuza ukoll.

---

[16] fl-2 ta' Novembru 1917

Dwar ir-raba (4), hames (5) u sitt (6) akkuza din il-Qorti ma hi ser tghid xejn stante li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant minhom u ghalhekk f'dan ir-rigward tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Fis-seba' lok l-appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta maghrufa bhala nuqqas ta' obbedjenza ghall-ordnijiet legittimi tal-awtoritá jew ta' wiehed li kun inkarigat minn servizz pubbliku jew li gie imfixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu.

Illi taht is-seba' (7) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze</u>**[17], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtoritá' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-Artiklu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta' lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtoritá pubblika".*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u mill-marixxali tal-Qorti u dan kemm meta l-appellant kien ordnat minnhom sabiex jghaddi lil ibnu f'idejn il-marixxali tal-Qorti skond digriet moghti mill-Qorti tal-Familja u dan sabiex ikun qed jottempora ruhu mad-digriet ta' access li kien inhareg minn dik l-istess Qorti. Illi kien biss fis-2.30 a.m. ta' l-ghada li ceda' u ghadda lil ibnu f idejn il-marixxali u ghalhekk zamm it-tifel minuri

[17] deciza fil-25 ta' Gunju 1997

f'idejh mis-7.30 p.m. sas-2.30 a.m. sebgha sieghat jisfida l-ordni tal-Awtoritá Pubblika. Ghalhekk isegwi li t- tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha izda ghall-kunsiderazzjoni dwar piena se tkun kompriza fit-tieni imputazzjoni.

Fit-tmien lok gie akkuzat talli ingurja jew hedded lill-Ispettur Spiridione Zammit b'mod li hareg il-barra mill-provokazzjoni kif dispost fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat ma jirrikjedi ebda' intenzjoni speċifika u lanqas il-publikazzjoni lil terzi. Ma hemmx dubju kif gja rapportat aktar il-fuq li l-appellant ingurja lill-Ispettur Spiridione Zammit billi ghajru Korott u Pufta u ghalhekk din il-kontavenzjoni tirrizulta' provata pero' hija inkorporta fit-tielet akkuza ai fini ta' piena.

L-appellant stqar li ma kellux jigi misjub hati ta'din il-kontavenzjoni ghaliex huwa agixxa bil-mod kif agixxa ghaliex kien gie provokat mill-komportament tal-istess Spettur.
Inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Paul-Abela"[18] li:-

*Meta tigi biex titqies l-iskuza tal-provokazzjoni, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. Il-provokazzjoni ingusta li ghaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodici Kriminali; l-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta'mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak ga` msemmi, cjoe` ta' l-artikolu 235. Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:*

*Il-provokazzjoni trid tigi determinate mill-fatt ingust ta' haddiehor. Mhux mehtieg li l-fatt tat-terz ikun jammonta ghal reat jew li jkun guridikament illecitu; huwa bizzejjed li jkun ingust mill-*

---

[18] Deciza 10 ta' Settembru 2004

*punto di vista' morali. Ghalhekk l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tigi ammessa anki quddiem komportament illecitu li jassumi karattru provokatorju ghall-modalitajiet ezuzi jew anki semplicement skonvenjenti li bihom jigi mwettaq jew minhabba ragunijiet li jkunu iddeterminawh (li wiehed ikun izomm f'qalbu, mibgheda, vendetta, jattanza, dispett). Ghal dak li jirrigwarda r-reazzjoni mhux mehtieg li din tkun proporzjonata ghall-fatt ingust.*

*Il-provokazzjoni ingusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oggettivament riskontrabbli.*

Illi fil-fehma ta' din l-Qorti kif tajjeb oservat l-ewwel Qorti ma hemm xejn f'dawn il-proceduri x'ticcensura fl-agir ta' dan l-ufficcjal tal-pulizija.

Dwar it-tmien u l-ahhar akkuza u cioe' dik ta' recidiva jinghad li bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza ta' recidivita` hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identitá. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.

Inghad fis-sentenza citata' supra ta'**il-Pulizija vs Paul-Abela** li:-

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Il-Qorti ezaminat il-provi f'dan ir-rigward u rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 l-prosekuzzjoni esebiet sitt sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' Emanuel Cassar li gew markati bhala dok JG1 sa JG6. Minn ezami ta' dawn l-istess sentenza l-paticulars ta' Emanuel Cassar huma l-istess bhal dawk tal-appellant odjern u ghalhekk din l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll.

Illi ghalhekk dwar l-appell tal-appellant rigward li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti zbaljati, din il-Qorti tiddikjara li dan mhux minnu.

Dwar l-appell tal-appellant li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva jinghad is-segwenti:

1. Jirrizulta li l-appellant huwa correctional officer il-Habs u ghalhekk ghandu jkun jaf xi tfisser li tikser il-ligi.

2. Illi r-reati li kkometta kollha saru fil-prezenza ta' ibnu minuri u ghalhekk l-appellant zgur li ma tax kaz l-*ben essere* ta' dan il-minuri.

3. Ili l-appellant wera nuqqas ta' rispett lejn numru kbir ta' ufficcjali tal-pulizija kif ukoll marixxali tal-Qorti billi ittenta' jisfida l-awtoritá tal-Qorti.

4. Ili l-fedina penali tieghu hija wahda refrettarja minkejja li hafna mill-convictions jirrelataw ghal reati subiti fil-konfront ta' martu.

5. Illi l-appellant ma wera l-ebda rimors f'dak li ghamel u anzi ipprova jiggustifika l-ghemil tieghu sa dan l-ahhar stadju.

Ghalhekk l-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba' snin moghtija mill-ewwel Qorti hija gustifikata f'dan il-kaz.

Dwar in-nomina ta' supervision order moghtija mill-Qorti din tidher ukoll gustifikata ghaliex jidher car li l-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jindirizza r-rabja kbira li ghandu go fih. Huwa evidenti u din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li l-

appellant ghandu rabja kbira go fih u jemmen li kulhadd ghandu ghalih u hu ghalhekk li hija ordni tajba li nghatat mill-ewwel Qorti u dan bil-ghan li l-appellant jerga' jitqieghed fit-triq it-tajba u jkun jista' jkompli fuq xoghlu bil-kwiet.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija anke fir-rigward ta' piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur